Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 52/2016

Il-Pulizja

Spettur Kevin J. Farrugia

Vs

Rudolph Gatt

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Rudolph Gatt detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 514788 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-29 ta' Mejju, 2011 ghal habta ta' 03:45 hours gewwa Triq l-Imdina, Rabat u f' dawn il-Gzejjer Maltin:

(i) Waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HON 140 tal-marka Honda b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti tat-ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Silvio Frendo li ghandu numru tal-

identita’ 453481 (M) hekk kif iccertifika Dr Moses Camilleri M.D tal-Isptar Mater Dei;

(ii) Waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HON 140 tal-marka Honda b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ regolamenti tat-ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Olivia Frendo li ghandha numru tal-identita’ 424481 (M) hekk kif iccertifikat Dr Agnes Cachia Packard M.D tal-Isptar Mater Dei;

(iii) Waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HON 140 tal-marka Honda b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ regolamenti kkawza hsara involontarja fuq vettura tal-marka Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni XAL 281 ghad-dannu ta’ Silvio Frendo li ghandu numru tal-identita’ 453481 (M) u terzi persuni ohra;

(iv) Waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HON 140 tal-marka Honda b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ regolamenti kkawza hsara involontarja fuq vettura tal-marka Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni HON 140 tal-marka Honda ghad-dannu ta’ George Gatt li ghandu numru tal-identita’ 846249 (M) u terzi persuni ohra;

(v) U aktar talli saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HON 140 b’manjiera traskurata, bla kont u perikoluz bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku et sequitur.

Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija, tiskwalifika lill-imsemmi Rudolph Gatt, milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Frar, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 226 (1) (a) (b), 328 (b) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet u inkwantu ghal hames imputazzjoni qeghda ssib lill-imputat hati ta' sewqan traskurat izda mhux ta' sewqan bla kont u perikoluz u tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan ta' Rudolph Gatt ghal zmien sitt (6) xhur liema perjodu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tal-lum.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' tlett elef mitejn u hamsa u tletin euro u seba' u disghin centezmu (€3,235.97) rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-esperti mahtura. Il-hati qieghed jinghata sena (1) zmien sabiex ihallas dan l-ammont f'rati mensili. L-ewwel pagament jibda jithallas mill-ahhar ta' Frar 2016. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Rudolph Gatt, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Frar, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (kif presjeduta mill-Onor. Mag. Dr. Josette Demicoli LL.D) fit-3 ta' Frar, 2016 li permezz taghha l-appellant gie misjub hati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u in kwantu ghal hames imputazzjoni l-appellant gie misjub hati ta' sewqan traskurat izda mhux ta' sewqan bla kont u perikoluz u gie kkundannat ghal tmien xhur prigunnerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew

sospizi ghal zmien sentejn. In oltre, a tenur tal-artikolu 15 (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant ghal zmien sitt xhur u wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-appellant ihallas l-ammont ta' tlett elef mitejn u hamsa u tletin ewro u seba' u disghin centezmu rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-esperti mahtura b' dan li fin-nuqqas ta' hlas l-ammont ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi billi, filwaqt li tikkonferma l-imsemmija sentenza in kwantu, fir-rigward tal-hames imputazzjoni, l-appellant ma giex misjub hati ta' sewqan bla kont u perikoluz, tirevoka l-istess sentenza in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel erba' (4) imputazzjoni u ta' dik il-parti mill-hames imputazzjoni li biha gie misjub hati ta' sewqan traskurat; u, fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti ma jghgobhiex takkolji din it-tlba izda joghgobha tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti in rigward tas-sejbien ta' htija, kemm jekk in toto u kemm jekk in parte, joghgobha tirriforma l-istess sentenza in kwantu ghall-piena inflitta billi tinfliggi piena izjed adegwata illi ma tkunx wahda karcerarja u ma timponix sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan jew perjodu ta' sospensjoni li jkun iqsar minn dak ordnat mill-Ewwl Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Rudolph Gatt huma cari u manifesti kif se jigu spjegati:

Illi l-Ewwel aggravju jirrigwardja s-sejbien tal-htija b' mod generali. Kif diga mtenni l-esponent ma kienx qed isuq il-vettura that l-influwenza ta' xorb jew alkahol. Huwa tilef ghal mument il-kontroll tal-vettura tieghu ghaliex kien ghajjien u dfortunatament sehh dan l-incident. M' hemm ebda nuqqas atribwibbli lill-appellant sakemm mhux se naslu ghall-konkluzjoni li kull persuna li jhossu ghajjien wara gurnata xoghol ghandu jiddezisti milli jsuq il-vettura tieghu ghax altrimenti jekk isehh xi incident necessarjament illi tigi lilu attribwita htija kriminali talli saq waqt li kien ghajjien. L-esponent qieghed jenfasizza dan il-kuncett ta' htija kriminali ghaliex

nturalment f' din il-kawza l-kwistjoni dwar jekk il-parte civile konjugi Frendo ghandhomx jigu rizarciti o meno ma tidhol assolutament xejn ghaliex f' dak ir-rigward hemm l-appoziti proceduri civili bejn il-partijiet bl-involviment ukoll tal-assiguraturi tal-appellant. Huwa principju bil-wisq bazilari illi l-azzjoni civili u dik kriminali huma kompletament distinti minn xulxin u n-nuqqas ta' sejbien ta' htija tal-esponent f' dawn il-proceduri kriminali bl-ebda mod ma kien se jippregudika, lanqas minimament, l-azzjoni civili tal-konjugi Frendo ghad-danni.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet riferenza ghal diversi sentenzi a bazi ta' liema hija waslet ghas-sejbien ta' htija da parti tal-appellant. L-esponent sejjer, ghall-kompletezza, jaghmel referenza ghal din il-gurisprudenza u japplika dak enuncjat fl-imsemmija sentenzi ghall-fattispecie partikolari tal-kaz odjern.

Illi l-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Ludwig Micallef' (deciza mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 t' Awwissu, 2010) li fiha gie enuncjat illi 'fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t' attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilita' tal event dannuz, il-kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib'. Applikat dan il-principju ghall-kaz odjern, wiehed jiddomanda – fejn hija l-prevedibilita' tal-event dannuz?! Sempliciment ghaliex l-esponent kien ghajjien kellu necessarjament jipprevedi li se jsehh dan l-incident?! Ghaliex altrimenti, jekk inhuwa hekk, kull min isuq vettura, qabel ma jsuq vettura, irid jaghmel xi forma ta' awto-ezami biex jiddetermina jekk huwiex ghajjien o meno biex isuq u jekk jidhirlu li huwa ghajjien wisq allura ghandu jiddezisti milli jsuq u jekk dan huwa l-kaz allura kullhadd irid jirrikorri ghall-uzu ta' mezzi ta' trasport pubbliku ghaliex m' hemmx dubju illi l-parti l-kbira tan—nies ihossuhom ghajjenin wara gurnata xoghol jew wara xi harga. B' kull rispett dan l-argument jirrazenta l-assurd u una volta gie stabbilit illi l-appellant ma kienx qed isuq that l-influwenza tax-xorb u / jew l-alkohol, certament li ma jistax jinghad illi l-kondotta tieghu kienet wahda kolpuza f' termini kriminali ghaliex zgur li ma

jissussstix l-element tal-prevedibilita' tal-event kolpuz li huwa mehtieg ad necessitatem ghas-sejbien tal-htija fil-kamp kriminali.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu, 1996 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Richard Grech' li fiha gie enuncjat illi 'Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f' nuqqas ta' hsieb, impruenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b' ness ta' kazwalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f' kondotta effetivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, dilligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li javvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.' Hawn wiehed jerga' allura jiddomanda – fil-kaz odjern, una volta li l-esponent ezercita tant diligenza li minkejja illi huwa kien hareg ma' shabu u l-ewwel marru jaraw partita football u wara marru sa Paceville izda qaghad daqstant attent li ma jixrobx izjed mill-limitu konsentit bil-Ligi, tant li rrizulta li ma kienx qed isuq that l-influwenza tax-xorb (u certament lanqas ta' drogi illi l-esponent qatt ma miss b' idejh), allura sempliciment ghaliex kien ghajjien u marret ghajnu bih allura, tenendo kont ukoll illi anke f' dan il-kaz japplika l-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza, l-Ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm kondotta kriminalment kolpuza da parti tal-appellant?! Fil-fehma umli tal-esponent, certament li dan m' huwiex il-kaz u l-gurisprudenza citata mill-Ewwel Qorti, applikata b' mod ezegetiku ghall-akz odjern, u - ta' importanza vitali din, minghajr ma wiehed joqghod ihares lejn il-pozizzjoni tal-vittmi, ghax it-talba taghhom ghar-rizarciment tad-danni qed tigi trattata fil-kamp civili – qatt ma kellu jinstab htija fl-esponent anke in vista tal-prezunzjoni tal-innocenza illi kellha timmilita favur tieghu.

Illi di piu l-Ewwel Qorti anke ghamlet riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Leonard Grech' moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Settembru, 1990, li fiha gie enancjat illi element fundamentali ghall-kolpa kriminali huwa dak ta' 'la possibilita di prevedere (l-evento dannoso)'. F' dan ir-rigward jerga' jigi mtenni dak li diga gie sostnut mill-esponent fil-paragrafu 8 (supra) ta' dan ir-rikors tal-appell.

Illi fis-sentenza hawn appellata saret riferenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Manuel Schembri' deciza nhar it-28 ta' Novembru, 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali li fiha gie mtenni kif gej – 'il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat,, liem nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct'. Fejn hi, wiehed jiddomanda, fil-kaz odjern, dik il-criminal misconduct li tirrendi lill-esponent kriminalment hati ghall-akkadut sempliciment ghaliex ghal mument istantaneju, for a psplit of a second, ghajnu inghalqet u sehh l-incident?

Illi applikati dawn il-principji kollha ghall-kaz odjern m' hemm ebda dubju illi ma kellhiex tinstab htija kriminali fil-konfront tal-appellant. L-appellant kien ilu sieghat illi hareg ma' shabu u minkejja li ghamel dak il-hin kollhu barra l-Gimgha filghaxija, kien tant prudenti li, biexx jassigura ruhu li jkun jista' jsuq minghajr ma jpoggi kemm lil hajtu u kif ukoll il-hajja ta' haddiehor fil-periklu, qaghad hafna lura milli jixrob u jikkonsma alkohol tant li gie pruvat li huwa ma kienx qed isuq that l-influwenza ta' xorb jew droga. Fejn hija allura dik l-imperizja, dik in-negligenza li tirrendih hati kriminalment? Sempliciment ghaliex kien ghajjien ghandu jirrizulta l-element tal-prevedibilita' tal-event dannuz? Kull min ihossu daqxejn ghajjien allura jippprevedi illi se jsehh incident stradali? Dik il-livell ta' kura m' huwiex wiehed ordinarju izda wiehed straordinarju lil hin minn dak mehtieg mill-ligi u semmai il-culpa tkun wahda levissima u allura mhux punibbli.

Illi ghaldaqstant qed jigi dedott dan l-aggravju li, b' mod generali, ma kellux ikun hemm sejbien ta' htija fil-konfront tal-appellant.

Illi t-tieni aggravju huwa fl-ispecifiku u cioe s-sejbien ta' htija b' mod partikolari tar-raba' akkuza u cioe' dik li kkaguna hsara involontarja ghad-dannu ta' missieru

George Gatt illi fuq ismu kienet registrata l-vettura Honda Reg. No: HON 104 misjuqa mill-esponent fil-hin tal-accident.

Illi fil-kamp tal-hsara involontarja gjaladarba d-danneggjat – f' dan il-kaz missier l-esponent – bl-ebda mod ma insista ghal din l-akuza fil-konfront ta' ibu, allura certament li ma kellux ikun hemm sejbien ta' htija wkoll ta' din l-akkuza partikolari.

Illi t-tielet aggravju huwa dak li jirrigwardja l-piena inflitta. Naturalment dan l-aggrvju qieghed jitqajjem sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghaz-zewg aggravji l-ohra dedotti izjed 'il fuq.

Illi m'hemm x dubju illi l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti fil-kaz odjern kienet wahda bil-wisq esagerata u eccessiva. L-esponent jista' jelenka serje shiha ta' sentenzi moghtija ricentament mill-Qrati taghn f' kazijiet fejn kien hemm propju l-istess akkuzi dedotti fil-konfront tal-esponent u l-istess sejbien ta' htija fejn il-piena inflitta kienet bil-wisq inqas iebsa u harxa minn dik inflitta fil-kawza odjerna.

Illi bazikament l-appellant gie misjub hati talli –

a. Involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq Silvio Frendo u Olivia Frendo;
b. Involontarjament ikkaguna hsara fuq il-vettura tal-istess Silvio Frendo;
c. Saq vettura b' mod traskurat izda mhux bla kont jew perikoluz.

Illi l-istess akkuzi gew ippruvat f' mill-inqas tliet sentenzi ricenti moghtija mill-Qrati taghna –

i. Il-Pulizija (Spt. Kevin J. Farrugia) vs Abigail Muscat – Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (per Mag. Dr. Marse Ann Farrugia LL.D.), 18 ta' Novembru, 2015.
ii. Il-Pulizija (Spt. Frank Anthony Tabone) vs Carmel Micallef – Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (per Mag. Dr. Neville Camilleri LL.D.), 13 ta' Jannar, 2016.
iii. Il-Pulizija (Spt. Frank Anthony Tabone) vs Marc Henry Schembri – Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (per Mag. Dr. Joseph Mifsud LL.D.), 13 ta' Ottubru, 2015.

Illi f' dawn it-tliet kawzi l-akkuzati prattikament instabu hatja tal-istess akkuzi li gie misjub hati taghhom l-appellant odjern.

Illi fil-kawza fl-smijiet 'Il-Pulizija (Spt. Kevin J. Farrugia) vs Abigail Muscat' – Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (per Mag. Dr. Marse Ann Farrugia LL.D.), 18 ta' Novembru, 2015 – l-imputata giet kundannata ghal 200 siegha xoghol volontarju bla hlas u minghajr skwalifika ta' licenzja jew kundanna ta' hlas tal-ispejjez tal-esperti.

Ill- fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spt. Frank Anthony Tabone) vs Carmel Micallef' – Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (per Mag. Dr. Neville Camilleri LL.D.), 13 ta' Jannar, 2016 – l-imputat gie kundannat ghall-hlas ta' multa ta' disa' mitt ewro minghajr sospensjoni ta' licenzja jew kundanna ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti.

Illi fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spt. Frank Anthony Tabone) vs Marc Henry Schembri' – Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (per Mag. Dr. Joseph Mifsud LL.D.), 13 ta' Ottubru, 2015 – l-imputat gie kundannat ghal liberta kundizzjonat ghall-perjodu ta' sena u gie skwalifikat milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' 8 ijiem biss.

Illi minn hawn temergi bic-car l-isproporzjonalita' tal-piena inflitta fil-kawza odjerna meta komparata ma' sentenzi ricenti ohra tal-qrati taghna.

Illi l-esponent sejjer jaghmel ukoll riferenza ghal sentenza li giet citata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (per Mag. Dr. Neville Camilleri LL.D) fil-fuq citata kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Carmel Micallef' deciza fit-13 ta' Jannar, 2016 kif gej:-

'Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi kkunsidrat l-insejament fid-decizjoni moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [s-]sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji

f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.

Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa".

Illi, tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa.'

Illi dan l-insenjament japplika perfettament ghall-kaz odjern tenut kont ukoll illi l-appellant ghandu fedina penali nadifa tazza, huwa persuna illi studja sa livell terzjarju u ghandu impjieg stabbli u qatt u qatt ma kien la ta' piz u lanqas ta' perikolu ghall-kumplament tas-socjeta'. Allura ghaliex l-Ewwel Qorti dehrila li kellha tmur kontra dan l-insenjament u tapplika piena karcerarja, benke' sospiza li certament li mhijiex wahda idonea ghall-kaz odjern?

Illi wkoll fl-istess kawza citata, u anke fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Abigail Muscat' fuq citata wkoll, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li gjaladarba ma gietx ippruvata l-akkuza ta' sewqan bla kont u perikoluz (l-istess bhal kaz odjern) m' ghandiex tigi ordnata s-sospensjoni tal-licenzja, filwaqt li fil-kaz odjern il-licenzja giet sospiza ghall-perjodu ta' sitt xhur. Fil-kawza l-ohra fuq citata – Il-Pulizija vs Marc Henry Schembri – il-licenzja giet sospiza ghal 8 ijiem biss, mhux 6 xhur shah bhal fil-kaz odjern.

Illi ghaldaqstant f' kaz li ma kellhux jigi milqugh l-ewwel aggravju kif dedott f' dan ir-rikors ta' appell, certament illi jezistu l-estremi kollha possibli biex jigi milqugh dan l-aggravju rigwardanti l-piena inflitta fuq l-esponent u tali piena tigi riformata u ridotta.

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta jishaq illi l-fatt illi l-kawza prossima tal-incident kienet attribwibbli ghall-ghejja tal-appellanti waqt li kien qed isuq tant illi marret ghajnu bih ma kellix twassal ghal responsabbilta penali izda semmai biss ghal responsabbilta civili.

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem

iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Illi minn qari tad-decizjoni impunjata jirrizulta illi l-ewwel Qorti wasslet ghal konkluzjoni illi l-kawza prossima ta' dan is-sinistru stradali kien il-fatt illi l-appellanti kienet marret ghajnu bih filwaqt li kien qed isuq, biex b'hekk ghaddiet biex imputat r-responsabbilta ghal dan is-sinistru stradali fuq l-appellanti. Sahhqet illi l-appellanti kien konxju tal-fatt illi fil-jiem ta' qabel huwa ma kienx ha il-mistrieh mehtieg, izda xortawahda f'dik il-lejla hareg, xorob xi alkohol u dam ma jirrinkaza u kwindi seta jipprevdi illi ma kienx ser ikun f'kundizzjoni li isuq billi kien ghajjien hafna.

Issa mill-atti probatorji jirrizultaw is-segwenti fatti mhux ikkontestati:

1. L-incident stradali sehh b'impatt frontali qawwi bejn iz-zewg vetturi fuq il-karreggjata tat-triq fejn kienet qed tinsaq il-vettura tal-parti leza.
2. L-appellanti tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u saq ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq fejn kienet qed tinsaq il-vettura tal-parti leza.
3. Ftit qabel l-impatt l-appellanti, li kien qieghed isuq il-vettura tieghu raqad - kif ighid hu stess *ex admissis* marret ghajnejh bih.
4. Illi fil-jiem li ipprecedew l-incident l-appellanti ighid illi huwa ftit li xejn ha il-mistrieh mehtieg minhabba li kellu *deadline* biex ilesti it-tezi ghal kors universitarju intrapriz minnu, kellu ighin lil missieru fix-xoghol tieghu ta' mastrudaxxa u fl-ahhar fil-lejl ta' l-incident iltaqa' ma shabu f'Paceville, xorob tnejn vodka u qaghad jara loghba futbol maghhom biex imbaghad irrinkaza kmieni fil-ghodu.

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

L-appellanti ma jikkontestax dawn il-fatti probatorji izda jishaq illi ghalkemm ir-responsabbilta ghall-incident tistrieh fuq spallejh madanakollu ma jistax jigi attribwit lilu xi forma ta' responsabbilta penali billi ma jikkonkorrux dawk l-elementi li titkellem dwarhom il-ligi ghal sejbien ta' htija u cioe' l-imprudenza, in-negligenza, u it-traskuragini billi l-fatt illi huwa kien ghajjien waqt is-sewqan tieghu ma jaqax taht wahda minn dawn ir-rekwiziti u dan kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti minnufih tghid illi dan l-aggravvju jirrazenta l-fieragh. Dan ghaliex minn dawn il-fatti inkonfutabbli jirrizulta illi l-incident sehh minhabba l-fatt illi l-appellanti tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, u dan meta jishaq illi kien ghajjien u ghajnu marret bih. Dan allura imur lil hinn mill-komportament mistenni minn sewwieq prudenti u ghaqli li matul il-hin kollu ta' sewqan ghandu ikollu l-attenzjoni shiha tieghu fuq it-triq u jezercita dik il-prudenza u attenzjoni mistennija fil-ligi. Fil-fatt kull min jezercita nuqqas ta' prudenza tant illi b'konsegwenza ta'l-istess isehh sinsitru stradali ghandu iwiegeb ghal dak l-agir.

Dan ghaliex *"__Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta__'.[2]"*. (sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-appellanti ighid illi huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu ghax kien ghajjien u raqad waqt li kien qed isuq, tant illi lanqas jiftakar l-impatt. Madanakollu, jekk l-appellanti ghandu jigi emmnut f'din id-dikjarazzjoni, dan mhux bizzejjed biex jezimieh mir-responsabbilta ghal dan is-sinistru stradali, kif donnu qed jippretendi, ghaliex kien mistenni illi huwa ikun responsabbli bizzejjed sabiex ma isuqx meta ma kienx f'kondizzjoni jaghmel dan, iktar u iktar meta mill-provi jirrizulta illi dak in-

[2] Il-Pulizija vs Kevin Caruana – App. Inf 03/04/2003

nhar il-vizibilita kienet tajba u ma kienx hemm fatturi ohra kontributorji bhal xi zejt jew likwidu iehor fit-triq li kagun ta'l-istess kien impossibbli ghalih li jikkontrolla l-vettura. Dan ghaliex il-Qorti tifhem illi mhux kull stat ta' ghejja iwassal necessarjament ghal xi debulizza fil-funzjonijiet riflessivi u monitorji tal-gisem, madanakollu meta l-grad tal-ghejja iwassal sabiex persuna addirittura jorqod filwaqt illi jkun qieghed isuq allura jista jinghad liberalment li dak is-sewwieq ma jistax ikollu kontroll shih tal-vettura tieghu. Il-prudenza u l-osservanza tar-regolamenti jitlobu illi meta sewwieq ghal xi raguni ihoss illi ma jistax isuq billi ma jistax ikollu kontroll fuq il-vettura tieghu sew jekk minhabba li ikun xorob l-akohol jew ghaliex hu ghajjien, mugugh jew ma jiflahx jew ghal kwalsiasi raguni ohra ma jintentax isuq vettura fit-triq b'riskju kbir kemm ghalih innifsu kif ukoll ghal terzi utenti tat-triq. Meta sewwieq jasal biex jorqod waqt li qed isuq dan ma jistax jigi meqjus bhala xi sewqan prudenti kif donnu qed jimplika l-appellanti. Kwindi minn dawn il-fatturi din il-Qorti tista' tasal biex tistabilixxi, bhal kif ghamlet l-Ewwel Qorti qabilha, illi l-appellanti ma kellux l-kontroll shih tal-vettura tieghu meta sehh l-incident minghajr raguni valida, tant illi tilef il-kontroll, qasam fuq il-karreggjata opposta tat-triq u baqa' diehel f'vettura ohra gejja minn dik id-direzzjoni bil-konsegwenza illi l-parti leza Silvio Frendo u b'mod specjali martu Olivia Frendo sofrew griehi ta' natura gravi fejn din ta'l-ahhar sahansitra kienet fil-periklu serju li titlef hajjitha. Huwa indubitat illi r-riflessi tal-appellanti ma kenux tali li jippermettulu ikun kapaci isuq b'mod prudenti fit-triq u kwindi huwa kellu jiddesisti milli isuq iktar u iktar meta jidher, u dan *ex admissis*, illi kien a konoxxenza tal-fatt illi huwa kien nieqes mill-mistrieh addirittura ghal diversi jiem qabel sehh l-incident u ma kienx fi stat li isuq vettura fit-triq. Fuq kollox *l-imperizja fis-sewqan bhas-sewqan hazin hija htija.*[3]" Kwindi dan l-ewwel aggravvju qed jigi rigettat.

Illi fit-tieni gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti l-appellanti jishaq illi ma setatx tinsab htija ghar-rigward tar-raba imputazzjoni u cioe' dik marbuta mal-hsara involontarja ikkagjonata fuq il-vettura ta' missieru u li kienet qed tinsaq minnu f'dan

[3] *Ibid*

l-incident. Dan ghaliex din l-akkuza kienet tinnecessita l-kwerela tal-parti leza, liema kwerela qatt ma saret u lanqas giet ikkonfermata minn George Gatt, missier l-appellanti. Issa huwa minnu illi fil-kazijiet ikkontemplati fl-artikolu 328(d) tal-Kap.9 il-ligi tinnecessita l-kwerela tal-parti leza. F'dawn il-proceduri jidher illi din il-kwerela qatt ma saret u George Gatt, l-parti leza, missier l-imputat qatt ma xehed. Izda f'dan il-kaz huwa indubitat illi r-reat tal-hsara involontarja huwa abbinat mar-reat tal-offiza involontarja previsti fl-artikoli 328(b) u (c) tal-Kap.9, u huwa ghal dawn ir-reati illi l-Ewwel Qorti sabet htija kif jidher mill-artikoli tal-ligi iccitati fil-parti decizorja. Dan ifisser per konsegwenza illi f'dan il-kaz il-proceduri kellhom jitmexxew *ex officio* mill-pulizija u ma kienx hemm in-necessita tal-kwerela tal-parti leza. Kwindi anke dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Finalment l-appellanti jilmenta illi l-piena inflitta fuqu kienet wahda eccessiva. Dan ghaliex f'kazijiet analogi fejn il-fattispecje kienu simili, giet imposta piena ferm inqas gravuza. Il-Qorti ukoll hawnhekk ma tistax taghtih ragun.

Issa, fejn si tratta ta' disparita` fil-piena mogħtija, il-Qrati Ingliżi kellhom okkażjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-ġurisprudenza wieħed jista' jislet certi linji ta' gwida. F'*Blackstone's Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would

simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.

Archbold, f'*Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: 'would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?' (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett*, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see *R.v. Stroud*, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as *R. v. Wood,* 5 Cr.App.R.(S) 381.

C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."

Issa din il-Qorti hija tal-fehma illi paraguni f'dawn l-istanzi huma odjuzi iktar u iktar meta l-paragun mhux qed isir ma' komplici fl-istess reat , izda ma fattispecje ta' kaz iehor li huma ghal kollox estranji u distinti minn dak li qed iqies il-gudikant. Tant hu hekk illi l-fattispecje tal-kazijiet iccitati mill-appellanti huma ghal kollox differenti minn dak in dizamina u allura inqas u inqas jista' isir xi forma ta' paragun.

Illi it-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"…The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment……**

**As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed.**

**The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. …. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[4]"**

Issa l-Ewwel Qorti tat ir-ragunijiet li wassluha sabiex teroga piena ta' prigunerija ta' tmien xhur sospizi ghal sentejn, liema piena hija wahda pjenament fil-parametri li tikkontempla il-ligi. Din il-Qorti ghalhekk tqies illi ma ingabitx raguni valida mill-appellanti sabiex twassalha ghal konkluzjoni illi l-piena li giet erogata fil-konfront tieghu kienet kif inghad "wrong in principle or manifestly excessive". Di piu' din il-Qorti tikkondividi pjenament il-hsieb ta'l-Ewwel Qorti meta qieset il-piena li ghandha tigi inflitta f'dan il-kaz ta' incident tat-traffiku serju li wassal sabiex terzi persuni kienu fil-periklu tal-mewt u dan minhabba htija imputabbli unikament lill-appellanti li dehrlu li seta isuq fit-triq fil-hinijiet bekrin ta' fil-ghodu wara jiem ma jorqodx u b'ghejja kbira fuqu tant illi l-vettura tieghu spiccat arma letali li wasslet ghal feriment mhux biss tieghu izda ta' nies ohra li kienu ghaddejjin fit-triq f'dak il-mument.

[4] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

Ghaldaqstant ghal motivi kollu hawn fuq migjuba l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata. It-terminu indikat fid-decizjoni appellata ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ta'l-appellanti ghandu jibda jiddekorri min nofs-illejl ta' llum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur